MALTA

ATT Nru. XXXIV ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1979 dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*.

ACT No. XXXIV of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Accountancy Profession Act, 1979.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) AGATHA BARBARA
President

28 ta' Ottubru, 1986

ATT Nru. XXXIV ta' l-1986

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1979 dwar il-Professjoni ta' l-'Accountancy'.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Att dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1979 dwar il-Professjoni ta' l-*Accountancy*, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) L-artikolu 2 ta' dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel ta' Ġunju, 1991.

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (d) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(d) tkun kisbet il-grad ta' *Bachelor of Arts* (*Accountancy*) (*Honours*) mill-Fakultà tal-*Management Studies* ta' l-Università ta' Malta skond l-istatuti u r-regoli ta' dik l-Università:

Iżda meta persuna jkollha kwalifika akkademika ekwivalenti barranija dwar il-professjoni ta' l-*accountancy* li fiż-żmien rilevanti tkun magħrufa mill-Università ta' Malta, il-Ministru għandu, fuq parir tal-Bord, jeħles lil din il-persuna mill-ħtiġijiet ta' dan il-paragrafu wara li din il-persuna tkun għaddiet minn dak l-eżami jew dawk l-eżamijiet f'liġijiet lokali u f'dawk is-suġġetti l-oħra li l-Ministru jista' jippreskrivi.".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

3. L-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minnufih wara l-kliem "l-artikolu 3 ta' dan l-Att" għandhom jiżdiedu l-kliem "u li tkun ukoll tissodisfa lill-Bord li għandha esperjenza xierqa fil-prattika ta' l-*accountancy*";

(b) is-subartikolu (2) tiegħu għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala subartikolu (3); u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) L-esperjenza li wieħed jakkwista matul il-fażi taxxogħol bl-iskema ta' ħaddiema-studenti għandha titqies li tkun esperjenza adegwata, sħiħa jew in parti, għall-għanijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kelma "erba' " għandha tidħol il-kelma "sitt";

(b) minflok is-subartikolu (2) għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-president u żewġ membri mis-sitta l-oħra għandhom ikunu persuni ta' livell u esperjenza magħrufa fil-qasam tan-negozju jew f'relazzjonijiet industrijali jew fis-servizz pubbliku; l-erba' membri l-oħra jkunu detenturi ta' *warrant* maħruġ taħt l-artikolu 4 jew l-artikolu 5 ta' dan l-Att u għandhom ikunu persuni b'esperjenza fil-qasam akkademiku jew professjonali. Tnejn minn dawn l-erba' membri l-oħra jinħatru mill-Ministru, wieħed wara li tiġi konsultata l-Università ta' Malta, u l-ieħor wara li jiġu konsultati xi assoċjazzjoni jew assoċjazzjonijiet li għal dak iż-żmien ikunu magħrufa bħala korp approvat jew korpi approvati ta' *accountancy*."; u

(ċ) fis-subartikolu (3) tiegħu minflok il-kelma "tlieta" għandha tidħol il-kelma "erbgħa".

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "ta' uditur" u "bħala udituri" għandhom rispettivament jidħlu l-kliem "ta' *accountant* jew ta' uditur" u "bħala *accountants* jew bħala udituri";

(b) is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jiġu rispettivament enumerati mill-ġdid bħala (5) u (6); u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandhom jiżdiedu dawn is-subartikoli ġodda:

"(2) (a) L-assigurazzjoni għal indenniz imsemmija fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu għandha wkoll tkun estiża biex tkopri kull talba dwar telf jew danni li ssir matul il-ħames snin li jiġu minnufih wara t-temm fis-seħħ tal-polza minħabba f'xi soċju jew eżerċitant tal-professjoni jkun jew irtira, jew ċeda l-*warrant*, u sakemm l-għemil negliġenti, żball jew nuqqas li jagħtu lok għat-talba jkunu ġraw matul is-seħħ tal-polza ta' assigurazzjoni.

(b) Fil-każ li polza ta' assigurazzjoni tiġi trasferita mingħand assiguratur għal assiguratur ieħor, il-polza l-ġdida għandha tkun estiża biex tindennizza lill-assigurat kontra kull talba dwar telf jew danni li ssir kontra l-assigurat għar-rigward ta' kull għemil negliġenti, żball jew nuqqas li jkunu ġraw, jew li jkun allegat illi ġraw, qabel il-bidu fis-seħħ tal-polza l-ġdida, sakemm l-assigurat ma jkunx jaf b'dan it-telf jew danni fiż-żmien meta jkun qed jikkompleta l-polza l-ġdida, u dan it-telf jew danni ma jkunux ġew avżati taħt xi polza oħra li tkun fis-seħħ qabel il-bidu fis-seħħ tal-polza ġdida,

(3) (a) Il-ħtieġa ta' assigurazzjoni għal indenniz skond dan l-artikolu ma tkunx tapplika lil min ikun detentur tal-*warrant* ta' *accountant* jew ta' uditur għar-rigward ta' xi sena li matulha hu ma jkunx ipprattika l-professjoni ta' *accountant* jew uditur u li jkun qabel ma bdiet dik is-sena informa lill-Bord bil-miktub li matul dik is-sena ma kienx sejjer jipprattika l-professjoni ta' *accountant* jew ta' uditur, skond ma jkun il-każ.

(b) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' dan is-subartikolu ma għandhomx jinftehmu bħala li jeżentaw lil xi persuna mill-obbligu li tkun koperta minn assigurazzjoni għal indenniz matul il-perijodu ulterjuri ta' ħames snin minnufih wara xi sena li matulha tkun ipprattikat il-professjoni.

(ċ) Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu kull min huwa detentur tal-*warrant* ta' *accountant* jew tal-*warrant* ta' uditur li matul xi sena —

(i) ma jkun b'ebda mod jipprattika xi waħda mill-professjonijiet imsemmija; jew

(ii) jipprattika xi waħda mill-professjonijiet imsemmija bħala impjegat tal-Gvern, jew ta' għaqda korporata mwaqqfa b'liġi, jew ta' persuna oħra, jew ta' soċjetà ta' *accountants* jew ta' udituri, għar-rigward biss tal-prattika ta' dawn il-professjonijiet fil-qadi ta' dmirijietu matul dan l-impieg,

huwa eżentat mill-obbligu li jkun kopert minn assigurazzjoni għal indenniz skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

(4) Kull persuna jew soċjetà li huma marbutin li jkunu koperti minn assigurazzjoni għal indenniz skond dan l-artikolu għandhom, ta' kull sena u fi żmien ġimgħa minn meta jkunu kkuntrattaw jew ġeddu din l-assigurazzjoni għal indenniz, javżaw lill-Bord bil-miktub dwar l-isem tal-kumpannija assiguratriċi u n-numru relattiv tal-polza ta' assigurazzjoni.".

Dispożizzjoni transitorja.

6. Kull min huwa detentur ta' *warrant* skond l-artikoli 4 u 5 ta' l-Att prinċipali minnufih qabel il-bidu fis-seħħ ta' l-artikolu 2 ta' dan l-Att, għandu jibqa' jkollu d-dritt li jżomm dak il-*warrant* wara li l-imsemmi artikolu 2 ta' dan l-Att ikun ġie fis-seħħ.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 390 tal-21 ta' Ottubru, 1986.

PAUL XUEREB
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati